MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 612/1999/1

**Joseph Sacco ezircenti l-kummerc bahla Super S Ironmongery**

**vs**

**Raymond Bajada**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi aspett mill-attivita' ekonomika ta' l-attur tikkonsisti fil-kiri ta' scaffolding;

Illil-konvenut fil-jum tal-15 ta' Ottubru 1996, acceda fil-fond li jigib l-isem ta' Super Ironmongery fi Triq Matteolo Saliba fiz-Zurrieq minn fejn l-attur jiggestixxi l-attivita' ekonomika tieghu u hemmhekk talab lill-attur jikkoncedilu l-uzu ta' scaffolding;

Illi l-attur laqgha din it-talba u kkonceda lill-konvenut l-uzu tas-scaffolding bil-kera ta' erba' lira Maltin (Lm4) kuljum eskluzi l-Hdud , u dan bil-patt u kondizzjoni li jirritorna l-istess scaffolding fl-istat li kien qieghed jiehdu;

Illi issa ghaddew aktar minn sentejn minn meta l-konvenut ha pusses ta' l-istess scoffolding u qieghed jirrifjuta li jirritorna l-istess u li jhallas l-ammont dovut bhala kera ghall-uzu tieghu;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat anke permezz ta'ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 1998 sabiex jaghmel dan baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :-

1 Tiddikjara li l-konvenut fil-jum tal-15 ta' Ottubru 1996, acceda fil-fond li jgib l-isem ta' Super Ironmongery fi Triq Matteolo Sabiba fiz-Zurrieq minn fejn l-attur jiggestixxi l-attivita' ekonomika tieghu, u hemmhekk talab lill-attur li kkoncedilu l-uzu ta' scaffolding u dan bil-kera ta' erba' liri Maltin (Lm4) kuljum eskluzi l-Hdud, bil-patt u l-kondizzjoni li jirritorna l-istess fl-istat li huwa kien qieghed jieghu;

2 Tillikwida l-ammont dovut lill-attur kwantu kera ghall-uzu tas-scaffolding u dan sal-gurnata effettiva li l-konvenut jirritorna l-istess scaffolding;

3 Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu l-Qorti:

(i) Jirritorna s-scaffolding aktar ‘il-fuq imsemmi fl-istat illi gie lilu kkonsenjat ; u
(ii) Ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat kwantu kera dovuta versu l-uzu ta’ l-istess scaffolding;

Bl-ipejjez kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1) Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni u l-atti kollha l-ohra annessi maghha stante li ma hemmx indikat, a tenur tal-ligi il-Qorti il quddiem ha gew ipprezenati l-atti;

2) Illi fit-tieni lok fil-meritu mhux minnu dak li qed jallega l-attur illi kien hemm ftehim bejn il-kontendenti dwar xi kera ghal scaffolding;

3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ebda ammont ta’ flus ma hu dovut;

4) Fir-raba lok u minghajr pregudizzu ghas-suespost l-ecceppjenti ma ghandhu l-ebda scaffolding ta’ l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 1999 minn fejn jirrizulta li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni;

Semghet il-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2003;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jallega li fil-15 ta' Ottubru 1996 huwa ftiehem mal-konvenut li jikrielu "scaffolding" bil-kera ta' erba' lira Maltin (Lm4) kuljum eskluzi l-Hdud. Ftehemu ukoll li l-konvenut kellu jirritorna l-istess "scaffolding" fl-istat li kien qieghed jiehdu. L-attur jippremetti li dan kollu sar fil-hanut tieghu z-Zurrieq. L-attur qed jghamel din l-azzjoni peress li l-konvenut, wara li ha l-imsemmi "scafolding", naqas li jirritornah u naqas li jhallas il-kera miftiehma;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li mhux minnu li kien hemm il-ftehim dwar xi kera ta' "scaffolding" kif qed jallega l-attur u ghalhekk ma hu dovut xejn lill-attur u huwa ma ghandu ebda "scafolding" ta' l-attur;

F'dawn il-proceduri xehedu biss il-partijiet li taw versjonijiet opposti u konflingenti;

L-attur jghid li l-konvenut kien mar xi darbtejn ghandu fil-hanut tieghu z-Zurrieq sabiex jixtri xi zeba. F'dawn l-okkazzjoniiet l-attur jghid li ftiehem mal-konvenut biex jikrielu "scaffolding". Il-konvenut ha dan l-scafolding skond l-eigenzi li kellu u ftehemu li l-kera kellu jkun ta' Lm8 kull jum. Il-konvenut kellu izomm l-imsemmi scafolding ghall-xahar. Meta ghadda l-imsemmi terminu l-konvenut gedded ghal xhur ohra. L-attur jghid li meta l-konvenut geddedd l-ewwel darba sar ftehim gdid dwar l-ammont li kellu jithallas kull jum u dana peress li skond l-attur il-konvenut kien ser izomm l-apparat in kwestjoni ghal aktar minn gurnata. Ir-rata l-gdida kienet ta' Lm4 kull jum. Meta ghadda aktar zmien l-attur talab lill-konvenut biex jirritorna l-apparat in kwestjoni pero l-knvenut baqa inadempjenti. L-attur jghid li l-"scaffolding" in kwestjoni hu ta' barra u hu tal-hadid u meta xtrah kien jiswa Lm150. L-attur ikkonferma li meta sar l-imsemmi ftehim mal-konvenut ma sar xejn bil-kitba. Il-konvenut kien weghdu li kien ser ihallas, pero' kien hemm okkazzjoni ohra fejn il-konvenut qal li mhux ser ihallas.  L-attur jghid li ma setax imur jigbor l-apparat peress li ma jafx fejn kien qieghed;

Da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li huwa kien mar jixtri xi zeba minnghand l-attur. Il-konvenut jammetti ukoll li l-attur kien offrielu li jikrielu “scaffolding” bit-Lm8 kull jum. Il-konvenut jghid li fil-frattemp huwa ftiehem ma terzi sabiex jghamlu huma x-xoghol li kien jirrikjedi l-uzu tal-iscafolding. Ghalhekk ma kellux aktar bzonn tal-apparat in kwestjoni u ghalhekk ukoll huwa avza lill-attur li ma kienx ser jiehu l-iscafolding;

Fid-dawl ta’ dan kollu ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tal-attur jirizultaw sufficjentement pruvati. Huwa l-attur li ghandu jipprova b’mod sufficjenti dak li qed jallega u fl-opinjoni tal-Qorti dan l-attur ma ghamlux. Fl-ewwel lok l-attur naqas li jipproduci xi provi in sostenn ta’ dak li huwa allega. Mhux verosimili li jsir ftehim bhal dak kif allega l-attur u ma jsir xejn bil-kitba. Ghal inqas kellu jkun hemm ricevuta li l-konvenut kien qed jiehu pussess tal-apparat I kwestjoni. Lanqas ma hu verosimili dak li jallega l-attur dwar il-ftehim tar-rata li kellha tihallas;

In vista tal-premss it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-attur;

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------